Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## L-Għaxar Leġislatura

## Laqgħa Numru 28

**15 ta' Ġunju 2026**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju 2026 fl-4:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Joeline Attard - | Kunsilliera |
| Mario Gauci - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 28 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **28.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Peress li s-Sur Malcolm Gatt ma kienx preżenti fil-bidu tal-laqgħa, il-kunsilliera qablu li jistennewh qabel jibdew il-laqgħa. Għalhekk, il-laqgħa bdiet fl-4.30 p.m. Is-Sur Malcolm Gatt wasal fil-5.00 p.m. u ngħaqad mal-laqgħa minn dak il-ħin 'il quddiem. |
| **28.2** | **Diskussjoni Filming ġewwa L-Isla** |
| | |
| 28.2.1 | Is-Sindku qara l-imejl li bagħat is-Sur Anthony Bonavia l-Viċi Sindku fejn talab laqgħa b'urġenza biex jiddiskuti dwar ix-xogħol li kien ser jagħmel mal-kumpanija tal-Films u ġie mwaqqaf li jagħmel dan ix-xogħol mis-sindku is-Sur Clive Pulis u għalhekk jixtieq li jiċara din is-sitwazzjoni kemm jista jkun malajr għalhekk saret din il-laqgħa b'urġenza.<br><br>Is-sindku qara l-imejl li bagħatet is-segretarju eżekuttiv nhar il-Ħamis 11 ta' Ġunju fejn infurmatom li llum, flimkien mas-Sindku, iltqajna għal-laqgħa finali mas-Sur Winston Azzopardi, mas-Sur James Mifsud u mas-Sur Clayton Linstead, fejn iddiskutejna l-arranġamenti relatati ma' filming li ser isir fil-lokalità tal-Isla.<br><br>Matul il-laqgħa ġie kkonfermat li l-kumpanija qed toffri s-somma ta' €10,000 lill-Kunsill Lokali b'rabta ma' dan il-proġett.<br><br>Anness ma' dan l-email għandkom issibu ċ-ċirkulari li ser tintbagħat lir-residenti, kif ukoll, għal referenza tagħkom, il-korrispondenza li saret mas-Sur James Mifsud.<br><br>Jekk jogħġobkom, wara li tirrevedu d-dokumentazzjoni mehmuża, għarfuna jekk taqblux jew le ma' din il-proposta, sabiex inkunu nistgħu nimxu bil-permessi meħtieġa sa għada 12/06/2026 f' nofs in-nhar.<br>fejn kellhom laqgħa finali mas-Sur Winston sabiex il-kunsilliera japprova li jsir dan il-film fil-lokalita tal-Isla biex jibdew jinħarġu l-permessi meħtieġa.<br><br>Dan il-film huwa ta' produzzjoni kbira u għalhekk irrid ħafna praparamenti. Dan il-pakkett kien għadu ma ingħalaqx sal-Ħamis 11 ta' Ġunju 2026.<br><br>Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-imejls jitellgħu waqt il-laqgħa li tkun ġejja bħal ma saru drabi oħra fuq filming fejn ġili ma qablux u ma kienx jingħata permess.<br><br>Is-sindku iddeskriva kif kien ġara l-każ ta' meta iltaqa' mal-viċi sindku iħabbat il-bibien mas-Sur James Mifsud u staqsa x' kienu qed jagħmlu għaliex il-pakett kien għadu ma ingħalaqx mal-kumpanija. Is-Sur |

| | |
|---|---|
| | Mifsud qallu li s-Sur Bonavia jaħdem magħħom u ma setgħux jitkellmu.<br><br>Is-Sindku sar jaf li ma setgħux jitkellmu għaliex is-Sur Winston id-direttur ma kienx jaf li s-Sur Bonavia huwa l-viċi sindku għaliex, id-direttur dejjem tkellem mas-Sindku u s-segretarju eżekuttiv tal-kunsill li jkun ser jaħdem miegħu iżda dan ma sarx mal-kunsill tal-Isla għaliex is-Sur Winston kien imsiefer u kien qed jikollabora is-Sur James Mifsud minflok.<br><br>Meta saru jafu li is-Sur Bonavia huwa l-viċi sindku qalulu biex jitkellem mas-sindku u mas-segretarju eżekuttiv iżda dan ma għamlux u qallhom li għalissa mhux ser jgħidilhom xejn.<br><br>Għalhekk is-Sindku ried jiltaqa' mad-direttur tal-kumpanija tal-films biex jiddiskuti mad-direttur għaliex il-pakett kien għadu ma ġiex magħluq.<br><br>Is-sindku iċċara li huwa ma għandu xejn kontra il-viċi sindku iżda ried jiġbidlu l-attenzjoni dwar Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti Eletti tal-Gvern Lokal. Artikolu 11 –<br><br>Konflitt ta' interess. Ir-rappreżentanti eletti m'għandhomx ikollhom interessi (minbarra sigurtajiet f'kumpanniji pubbliċi) jew ikollhom xi kuntratt personali jew ftehim ma' min jissupplixxi jew kuntratturi tal-Gvern Lokali.<br><br>Is-Sur Bonavia ddikjara li ma kellux kunflitt ta' interess u spjega li s-Sindku kien waqqfu milli jwettaq xogħol mal-kumpanija tal-films.<br><br>Huwa sostna li kien qal lir-rappreżentanti tal-kumpanija sabiex ma jinfurmawx lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv dwar l-involviment tiegħu, peress li kien beża' li dan seta' jaffettwa l-possibbiltà tiegħu li jaħdem magħhom.<br><br>Is-Sur Bonavia żied li ma kellu l-ebda involviment fil-ftehim tad-donazzjoni lill-Kunsill u lanqas fl-arranġamenti relatati mal-pakkett miftiehem.<br><br>Il-Viċi Sindku ddikjara li l-kuntratt ġie ffirmat wara l-Elezzjoni Ġenerali, filwaqt li l-Kunsill kien diġà kellu laqgħa dwar is-suġġett qabel l-elezzjoni.<br><br>Is-Sindku rrefera għal imejl li, skontu, juri li l-pakkett u l-arranġamenti relatati ma kinux għadhom ġew finalizzati qabel ma ġie ffirmat il-ftehim. Is-Sindku sostna wkoll li s-Sur Bonavia kien għażel li ma jinfurmahx dwar l-involviment tiegħu mal-kumpanija tal-films sabiex ma jipperikolax il-possibbiltà li jaħdem magħha. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sur Clive Pulis spjega li kien intervjena sabiex ma jitkompliex il-kuntratt mal-kumpanija tal-films, peress li kien tal-fehma li setgħet teżisti sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess. Huwa żied li kien informa lis-Sur Bonavia li kellu d-dmir li jinforma lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv dwar ix-xogħol li kien se jwettaq mal-kumpanija, iżda dan ma sarx.<br><br>Il-Viċi Sindku ma qabilx ma' din il-fehma u sostna li s-Sur Bonavia ma kellux obbligu li jinforma lis-Sindku jew lis-Segretarju Eżekuttiv dwar dan l-arranġament.<br><br>Wara diskussjonijiet ta' madwar tlett kwarti bejn is-Sindku u l-Viċi Sindku is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-kunsilliera preżenti jekk kellhomx xi kummenti jew osservazzjonijiet dwar dan il-każ, iżda ħadd minnhom ma għamel xi rimarka. |
| | |
| **28.03** | **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament tal-laqgħa li jmiss.** |
| 28.03.1 | Is-Seduta ntemmet fil-5:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 23 ta'Ġunju 2026 fl-4:00p.m. |

Konfermati, illum 23 ta' Ġunju 2026

IFFIRMATA
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv